

# Filippo Fortunato Venuti

**Il-pittur tal-kwadru titulari ta' Sant' Anna** — **Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela**

- **Kif beda l-interess tiegħi f'Filippo Venuti**
- **Pittur li ħadem f'Malta fi żmien ta' kompetizzjoni qalila**
- **Madankollu pitter kwadri għal aktar minn parroċċa waħda**
- **L-aqwa xogħol tiegħu hu l-kwadru ta' Marija Assunta fl-Imqabba**



## Riċerka dwar Sant' Anna

Meta erba' snin ilu biex infakkru Għeluq il-Ħamsin Sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa ta' Sant' Anna f'Wied il-Għajn, u fl-istess ħin nikkonsagraw il-Knisja Parrokkjali preżenti, il-kappillan, Fr. Tony Cassar, talabni biex niktiblu l-Istorja ta' dan ir-raħal marittimu, bil-Malti u bl-Ingliż, biex nippublikawha fi ktieb li jibqa' bħala tifkira, jien, li nħobb ħafna l-Istorja, speċjalment l-Istorja tal-Knisja, kont aċċettajt bil-qalb kollha, allavolja kont ili ngħix f'Wied il-Għajn sena waħda biss! Naturalment aċċettajt, mhux biss għax jien saċerdot, iżda wkoll għaliex kienet se tkun okkażjoni reliġjuża u ekkleżjastika, u allura mill-ewwel iddeċidejt li nagħti importanza ġmielha f'dan il-ktieb lill-bini u l-armar tal-knisja parrokkjali, mingħajr ma neskludi aspetti oħra ta' l-Istorja ta' Wied il-Għajn, bħal dawk ċivili, marittimi u soċjali. Ridt ovvjament niġbor tagħrif kemm stajt dwar il-Qaddisa Patruna ta' dan ir-raħal, u mill-ewwel tfajt għajnejja fuq l-istatwi u l-pittura titulari. Dwar l-istatwi - kemm il-vara tal-purċissjoni, kif ukoll l-istatwa tal-ġebel barra l-knisja - sibt tagħrif mhux ħażin, iżda meta bdejt nindaga dwar il-kwadru titulari, li llum jinsab imdendel fis-sagristija tal-knisja preżenti, sibt wiċċi ma' ħajt impenetrabbli ta' nuqqas kważi totali ta' informazzjoni. L-unika nitfa ta' tagħrif li stajt niġbor kienet mingħand Fr. Marius Zerafa O.P. li semmieli l-pittur jismu Venuti! Jista' jkun li fuq it-telefon jien ma kontx fhimt



biżżejjed lil Fr. Zerafa, u allura kont ikkonkludejt li m'hemmx ċertezza assoluta dwar il-pittur.

## Tiftix diffiċli għall-firma tal-pittur

Din ir-riferenza għall-kunjom Venuti lili qabbditni fit-triq it-tajba. Bdejt nara kif nagħmel insibx il-firma tal-pittur fuq il-kwadru stess, għaliex storiku tal-affari tiegħu minn hemm irid jibda. Għalkemm tħabatt, ma stajt insib xejn! Il-kwadru kien imdendel fil-għoli, barra l-fatt li matul is-snin iż-żebgħa taż-żejt fuq it-tila kienet skurat ħafna. Tlabt l-għajnuna ta' ħaddieħor, iżda kien kollu għalxejn. Il-firma tal-pittur bqajna ma sibnieha mkien fil-kwadru. Dan naturalment kien ta' diżappunt għalija, u meta wasalt, jien u nikteb il-ktieb, biex niddeskrivi dan il-kwadru titulari, li wara l-vara, f'dik li hi arti, jokkupa t-tieni post fil-knisja, kelli ngħid biss li l-kwadru ta' Sant' Anna hu attribwit lil Filippo Venuti. Sadattant kont ippruvajt insib xi tagħrif dwar pittur b'dan il-kunjom li ħadem f'Malta. Fil-ktieb niżżilt bejn wieħed u ieħor dawn il-kelmiet biss: "Il-kwadru ta' Sant' Anna, li kien fuq l-altar ta' l-ewwel knisja parrokkjali, u li llum qiegħed fis-sagristija prinċipali tal-knisja parrokkjali ta' llum, hu attribwit lil Filippo Venuti, pittur Sqalli li għamel ħafna xogħol f'Malta, speċjalment fl-Imqabba, għall-aħħar tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX". Dan kollox; kienu biss dawn l-erba' kelmiet xotti, xotti, li stajt inniżżel dwar il-pittur tal-kwadru titulari ta' Sant' Anna! Wara li l-ktieb kien lest, ġejna biex norganizzaw wirja dwar il-kwadri ta' Sant' Anna fil-Gżejjer Maltin - wirja mill-isbaħ li tellajna fil-knisja stess fl-ispazju ta' wara l-altar maġġur. Ovvjament fiċ-ċentru tal-wirja - li kienet issa fil-baxx - qegħdna dan il-kwadru, u tfajna fuqu d-dawl qawwi tar-rifletturi. Bil-għajnuna providenzjali ta' dan id-dawl qawwi, għarraxna sewwa biex insibu l-firma, jekk kienet hemm. U ekku, fil-fatt fl-aħħar dehret - kważi inviżibbli fuq l-aktar parti skura tal-kwadru! Kellhom ikunu l-għajnejn taż-żagħżugħ Fr. Michael Bellizzi biex sibniha. Ħadt pjaċir, daqs li kieku kont sibt teżor. Wara għadda minn għala widnejja, li Fr. Zerafa ma tantx kien ħa pjaċir li fil-ktieb kont niżżilt li l-kwadru kien biss attribwit lil Filippo Venuti. Kellu raġun. Probabilment fuq it-telefon jien ma kontx fhimt sewwa x'qalli, iżda peress li l-firma tal-pittur jien kont bqajt ma sibthiex qabel ippubblikajt il-ktieb, jien ma stajtx ngħid fiċ-ċert li l-kwadru kien xogħol Filippo Venuti. Illum aħna ċerti.

## Xogħol Venuti f'diversi knejjes

Illum qed nieħu okkażjoni biex inkun aktar ġust ma' Filippo Venuti billi nikteb dwar xi xogħlijiet tiegħu f'Malta. Mill-1999 'l hawn jien għamilt ħabib mas-Sur Joe Theuma, minn Ħaż-Żabbar u mas-Sur Paul Zammit miż-Żejtun li għandhom ħafna għal qalbhom l-Istorja tal-Pittura u Skultura f'Malta, u dawn lili għenuni ħafna. Kien bil-kooperazzjoni tagħhom u minn kotba u artikli li ġew ippublikati f'dawn l-aħħar snin, li jien stajt niġbor l-informazzjoni għal dan l-artiklu. Illum nistgħu ngħidu li barra f'Wied il-Għajn u l-Imqabba, li diġa` semmejna, Venuti għandu xogħolijiet ta' pittura f'diversi parroċċi oħra, per eżempju San Ġiljan, Ħaż-Żabbar, in-Naxxar, iż-Żejtun, il-Kalkara u Birkirkara biex inkunu semmejna xi wħud minnhom. M'inix ngħid li ma ħadimx kwadri oħra għal parroċċi oħra, iżda s'issa jien b'dawn naf. Indubbjament ħadem ukoll kwadri li llum jinsabu għand familji privati, għaliex kull pittur jaħdem ukoll għall-privat.

Iżda Venuti kien sfortunat li għex fi żmien meta hawn Malta kien hawn kompetizzjoni qawwija fl-arti. Pitturi barranin bħalu, kien hawn aktar minn wieħed, u kollha għamlu isem sewwa. Barra minn hekk, fi żmienu, Ġużeppi Calić, li għalkemm twieled f'Malta kien ta' nisel barrani, kien imfittex ħafna, għaliex kien pittur ta' kapaċitaċ kbira. Din il-kompetizzjoni żgur li kienet waħda mill-kawżi li Venuti ma kienx imfittex daqs ħaddieħor.

## Il-kwadru ta' Sant' Anna f'Wied il-Għajn

Filippo Fortunato Venuti ħadem f'Malta madwar mitt sena ilu, iżda ma jidhirx li dam snin twal hawn Malta. Nafu li kien pittur Sqalli, iżda dwar il-ħajja tiegħu s'issa ftit li xejn għadna skoprejna. Nittamaw li 'l quddiem xi student fil-Fakultaċ ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Universitaċ ta' Malta, jiddeċiedi li jagħżlu bħala s-suġġett tat-teżi tiegħu, u jirnexxielu joħroġ b'aktar informazzjoni dwar dan il-pittur. Lanqas nafu s-sena eżatta meta hu pitter il-kwadru ta' Sant' Anna f'Wied il-Għajn, għalkemm nafu li hu għamlu għall-knisja l-qadima fi Triq La Sengle, kif jindikawlna ritratti qodma. Jiġifieri wisq probabbli li hu pittru bejn wieħed u ieħor fl-ewwel snin tas-seklu XX. Venuti ppreżentalna lil Sant' Anna fil-pożizzjoni tradizzjonali ta' omm twajba li qiegħda tgħallem lil bintha, f'dan il-każ il-Verġni Marija. Sant' Anna tidher mara mdaħħla fiż-żmien, bilqiegħda fuq speċi ta' tron bejn żewġ pilastri, b'idha x-xellugija iżżomm parċmina li sserraħ fuq irkoppitha l-leminija, u b'idha l-leminija mtellgħa 'l fuq, b'subagħha l-werrej jindika l-Ispirtu s-Santu forma ta' ħamiema jittajjar fuqha u fuq bintha Marija, tfajla b'idejha marbutin, attenta taqra dak li qiegħda tippreżentalha ommha. Kemm għajnejn Sant' Anna, kif ukoll dawk ta' Marija, huma baxxuti 'l isfel, u allura ħadd minnhom ma jħares direttament lejn l-ispettatur tal-kwadru. Uċuħ iż-żewġ persuni huma ta' raħħala Maltin, u wiċċ iċ-ċkejkna Marija żgur li mhux wiċċ xi tfajla li ssaħħrek bil-ġmiel fiżiku tagħha! Iżda Venuti rnexxielu jippreżentahomlna f'intimita` profonda mal-Mulej; meta tħares lejhom tħoss ħierġa minnhom dik iċ-ċerta qawwa spiritwali li biha t-tnejn kienu mżejnin. Venuti ħoloq fil-kwadru kuntrast ta' kuluri bejn l-aħmar tat-tapit, il-kannella u l-aħdar ta' ilbies Sant' Anna, u l-abjad u ċ-ċelest ta' ilbies il-Madonna. Il-panneġġ ta' ilbies Sant' Anna hu emfasizzat. Ħdejn Marija Verġni naraw vażun b'ġilju abjad fih, simbolu tas-safa li bih il-Madonna kienet imżejna sa mit-twelid tagħha. Naraw ukoll skroll mibrum b'xi kitba fuqu, iżda din il-kitba ma tinqarax.

## Pittura ta' Venuti fil-knisja ta' l-Imqabba

Kwadru ieħor titulari ta' Venuti fi knisja parrokkjali, hu l-pittura ta' **Marija Assunta** fil-knisja ta' l-Imqabba. Fil-fatt diversi kritiċi ta' l-arti jikkunsidraw dan il-kwadru bħala l-aqwa xogħol ta' Venuti f'Malta. Venuti pitter dan il-kwadru fl-1896, spejjeż ta' Dun Salv Schembri, fi żmien meta fil-knisja ta' l-Imqabba kienu qed isiru bosta xogħlijiet. Bħal fil-każ ta' Wied il-Għajn, il-Verġni Marija għandha l-wiċċ ta' mara tal-kampanja, aktar milli ta' kreatura ċelesti u singulari kif il-pitturi jħobbu jpinġuha. Min jaf min kienet din il-mara Mqabbija li ppożatlu bħala mudella? Minkejja dan, Venuti pitter kwadru mill-aktar studjat. Jidher fil-fond pajsaġġ naturali li jispiralek trankwillitaċ spiritwali, bil-Verġni Marija, naturalment il-figura prinċipali, mtella' lejn is-sema

b'idejha t-tnejn miftuħa, megħjuna minn par anġli mdaqqsin, u b'numru ta' puttini jittajru fil-baxx u jiffurmaw speċi ta' kuruna madwar il-Verġni Mbierka. Hu kwadru li aktar ma tħares lejh, aktar tinġibed lejh u tħossok elevat bi ħlewwa verament Nisranija. Ftit wara li lesta dan il-kwadru, Venuti pitter ukoll l-erba' pennakki (dawk li hawn Malta ħafna bi żball isejħulhom lunetti) għal taħt il-koppla prinċipali ta' l-istess knisja. Fihom hu ppreżentalna **l-erba' evanġelisti**. Pitter ukoll il-koppla fejn bħala suġġett għażel **l-Inkurunazzjoni tal-Madonna**. Iżda sfortunatament il-gwerra qerdet kemm il-koppla, kif ukoll tlieta mill-evanġelisti, tant li minn ta' Venuti fl-Imqabba illum baqa' biss il-kwadru titulari u l-evanġelista San Luqa. It-tliet evanġelisti l-oħra li jidhru illum ġew impittra minn Aldo Micallef Grimaud fl-1959.

## Fil-knisja tal-Kunċizzjoni, San Ġiljan

Kwadru ieħor ta' altar titulari, iżda din id-darba mhux ta' knisja parrokkjali, kien dak li Venuti pitter għall-knisja tal-Kunċizzjoni f'San Ġiljan. Il-kwadru juri lill-Verġni Marija qed tiġi mħarsa u meħlusa mid-dnub tan-nisel billi l-Missier Etern iħarisha b'idu stess, u taħt saqajha hi tisħaq lix-xitan li jrid isaltan u jaħkem fuq id-dinja mħassra bid-dnub. Din il-knisja tal-Kunċizzjoni, illum f'nofs wieħed mill-akbar ċentri turistiċi ta' Malta, kienet inbniet fl-1688 minn Franġisku Napuljun Spinola, li magħha għaqqad ukoll abbazija u ħatar lil ħuh, Fra Pawl Rafel Spinola, il-Gran Prijur ta' l-Ordni ta' San Ġwann, bħala l-ewwel rettur. L-arkati fejn illum naraw ir-Ristorant Sardinella kienu l-iskuderija ta' Spinola, fejn hu kien iżomm iż-żwiemel u l-karozzella.

## Fil-knisja parrokkjali tal-Kalkara

Knisja parrokkjali oħra fejn għadna sal-lum nistgħu naraw kwadri mpittra minn Filippo Venuti, hi dik tal-Kalkara, minkejja li din kienet sofriet ħsarat enormi fl-aħħar gwerra. Tiegħu huma l-kwadri laterali fil-kor, li jirrapreżentaw lill-**Appostli San Pietru u San Pawl**. Qabel kienu fil-knisja l-qadima. Fil-fatt, barra dawn it-tnejn, Venuti għandu erba' oħra f'din il-knisja: **Sant' Antnin, il-Lunzjata, Sant' Anjeże u San Fortunato**. Fortunato kien it-tieni isem ta' Filippo Venuti. Dan il-qaddis martri jidher liebes ta' suldat Ruman, b'salib ċkejken f'idu l-leminija u bil-palma tal-martirju f'idu l-oħra.

## Venuti f'parroċċi oħra

Parroċċi oħra li għandhom sal-lum kwadri ta' Venuti huma dawk qodma taż-**Żejtun, Ħaż-Żabbar, in-Naxxar u Birkirkara**. Fil-knisja tal-**Madonna tal-Bon Kunsill**, il-kappella privata tal-Palazz *Aedes Danielis*, il-palazz li ssib quddiem għajnejk kif tidħol fiż-Żejtun, tinsab pittura ta' Venuti, flimkien ma' kwadri oħra impittra minn Ġużeppi Calić u Ġużeppi Calleja. Fil-Mużew Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar għandu kwadru ċkejken li jirrappreżenta is-***Sagra Famiglia***, li dari kien is-sotto-kwadru fl-Altar tal-Madonna tar-Ružarju fil-knisja parrokkjali. Fil-knisja l-qadima ta' **Santa Tereża, Birkirkara**, kellu l-kwadri ta' San Ġużepp, il-Madonna tal-Karmnu

u San Alfons M. De Liguori. Illum il-Patrijiet Tereżjani għandhom knisja bil-bosta akbar. **Fil-knisja kolleġġjata bażilka ta' Santa Liena**, s'intendi f'Birkirkara ukoll, Venuti għandu minn ta' l-inqas tnax-il kwadru fil-kappelli madwar il-kursija, b'suġġetti differenti bħal Ġesuċ Bambin, is-Sagra Familja, il-Mewt ta' San Ġużepp, Elija, l-Appostlu Sant' Andrija, u ħafna oħrajn. Fin-Naxxar kien Venuti li ddekora bil-pittura ***Palazzo Parisio***, waħda mill-isbaħ djar ta' Malta, bil-ġnien tiegħu Barokk, mibni fis-seklu XVIII, u illum użat għall-wirja tat-*Trade Fair*. F'*Palazzo Parisio* għandu wkoll kwadru tal-Kunċizzjoni. Ma naħsibx li hi l-okkażjoni li noqgħod niddeskrivi fid-dettal dawn l-aħħar xogħlijiet li semmejna ta' Venuti, jekk mhux għal ħaġa oħra, għaliex dan l-istudju twal biżżejjed.

Hekk tajna ħarsa ħafifa, mhux biss lejn il-kwadru titulari ta' Sant' Anna li għandna f'Wied il-Għajn, iżda wkoll lejn xogħlijiet oħra li l-istess pittur għamel għal parroċċi oħra f'Malta, mingħajr ma neskludi l-possibilta` li Venuti pitter kwadri oħra li ma kellniex l-opportunitaċ li nsemmu. Filippo Fortunato Venuti, pittur rari msemmi fl-Istorja ta' l-Arti Ekklesjastika Maltija, kien pittur li ma ħadimx biss għal Wied il-Għajn, minkejja li kellu x-xorti ħażina li ħadem fi żmien meta Ġużeppi Caliċ, tista' tgħid l-aktar pittur prolifiku li Malta qatt rat, kien fl-aqwa tiegħu. Venuti kellu l-merti limitati tiegħu.

**Riferenzi:**

1. Kan. Joe Abela "Wied il-Għajn"
2. Tony Terribile, "Teżori fil-Knejjes Maltin", Vol. II.
3. Charles Farrugia, "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien".
4. Dun Fortunat Axiaq, "Il-Knisja tal-Kunċizzjoni f'San Ġiljan".
5. Mario Buhagiar, "*The Iconography of the Maltese Islands, 1400 - 1900*".
6. Kan. Vincenzo Buhagiar, "Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata Bażilka ta' Sta. Liena, Birkirkara".

**Radd il-Ħajr:**

1. Sur Joe Theuma, Żabbar
2. Sur Pawlu Zammit, Żejtun

Il-Kumitat jixtieq javża li peress li l-banda Sant'Anna qed tieħu sehem fl-aħħar tlitt ijiem biss, huwa impossibbli li tagħmel it-toroq kollha ta' Wied il-Għajn.
Għaldaqstant, din is-sena nbiddlu t-toroq tal-Ġimgħa u s-Sibt ħalli l-banda tgħaddi minn toroq li ilha żmien twil ma tgħaddi minnhom.
Pero` ma tfissirx li t-toroq li kienet tgħaddi minnhom il-banda mhux se tibqa' tgħaddi minnhom.
Dan qed isir biex nolqtu dejjem toroq ġodda u fl-istess ħin nippruvaw nikkuntentaw lil kulħadd.